L-AKKADEMJA TAL-MALTI

AD 1920

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

PREMJU MIDALJA TAD-DEHEB 'ĠIEĦ L-AKKADEMJA TAL-MALTI'

L-Akkademja tal-Malti tat ġieħ lil Oliver Friggieri billi ppreżentatlu l-midalja tad-deheb għall-karriera akkademika tiegħu. Oliver Friggieri rnexxielu jsaħħaħ il-kritika letterarja fix-xena lokali bħala suġġett akkademiku, ippubblika għadd kbir ta' studji u x-xogħol letterarju tiegħu hu maqlub f'16-il lingwa.

In-nominazzjonijiet tal-membri tal-Akkademja ġew evalwati minn ġurija komposta mill-Presidenti tal-Akkademja u tal-Kunsill Nazzjonali tal-Malti, u mill-Kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università.

L-investitura tal-midalja saret mill-President ta' Malta fis-Sala tat-Tron, il-Palazz, il-Belt. F'għeluq l-attività il-kittieba ppreżentaw kopja omaġġ lill-President għal-Librerija l-ġdida li se tkun organizzata mill-Akkademja tal-Malti.

Trevor Żahra
Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi

15.11.2016